MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 285/2001/1

**Anna Grech.**

**vs.**

**Tarek Mohammed Ibrahim.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 20 ta' Frar 2001 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-kontendenti dahlu f'cerimonja taz-zwieg fis-16 ta' Mejju 1998 kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg Dok. "A";

Illi kif ser jigi ampjament pruvat f'din il-kawza l-kunsens tal-konvenut fil-mument taz-zwieg kien vizzjat b'tali mod li jrendih invalidu;

Illi in effetti l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat peress li l-konvenut izzewweg biss biex jakkwista passaport u ghalhekk kien biss zwieg ta' konvenjenza u ghalhekk il-kunsens tal-konvenut kien vizzjat bl-eskluzjoni posittiva taz-zwieg innifsu u dan kif kontemplat bl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat ukoll minhabba illi huwa ma riedx tfal u minhabba illi eskluda l-fedelta', zewg elementi essenzjali taz-zwieg, u dan kif kontemplat bl-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi minghajr pregudizzju z-zwieg huwa anke' null minhabba l-fatt li l-konvenut kien tant immatur illi ma kienx kapaci jassumi l-obbligi maritali u dan kif kontemplat bl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi minghajr pregudizzju wkoll iz-zwieg huwa anke' null minhabba illi l-konvenut kien isofri minn anomalija psikologika li ghamilitha mpossibli ghalih li jwettaq l-obbligi matrimonjali, liema anomalija manifestat ruhha fi vjolenza presistenti u mohqrija esagerata, u dan  kif komtemplat bl-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-istess attrici talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Mejju 1998 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan minhabba fir-ragunijiet fuq premessi;

Bl-ispejjez u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-attrici, il-lista tax-xhieda u tad-dokumenti minn fol. 3 u 5 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat in-nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Tarek Mohammed Ibrahim, fejn eccepixxa bil-qima:-

1. Illi, l-eccipjent jaqbel li z-zwieg tieghu mal-attrici Anna Grech huwa null imma mhux ghar-ragunijiet migjuba minnha izda ghal ragunijiet imputabbli lilha kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi, huwa qed jipprevalixxi ruhu mill-azzjoni ttentata mill-attrici u *in linea* rikonvenzjonali qed jaghmel Kontro-Talba sabiex jirrikonvenzjona l-istess attrici u tghid il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Qorti tiddikjara li z-zwieg celebrat bejniethom fis-16 ta' Mejju 1998 huwa null u bla ebda effett legali *ab initio* ghal ragunijiet imputabbli lilha kif previsti fl-**artikolu 19 (1) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

3. Illi, salv' eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut Tarek Mohammed Ibrahim u l-lista tax-xhieda a fol 13 u 14 tal-process.

Rat il-**Kontro-Talba tal-konvenut** rikonvenjent Tarek Mohammed Ibrahim, a fol 14, fejn qal bil-qima:-

1. Illi l-istanti ghadda minn forma ta' zwieg civili apparenti ma' l-attrici Anna Grech fis-16 ta' Mejju 1998 u dana kif jidher mic-Certifikat taz-Zwieg anness mat-Talba Principali;

2. Illi dak iz-zwieg kien null u bla ebda effett *ab initio* ghat-tenur tal-**artikolu 19 (1) ta' l-Att tas-sena 1975, kif emendat, dwar iz-Zwieg, tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;**

Illi l-istess konvenut rikonvenjent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg apparenti bejn il-partijiet celebrat fis-16 ta' Mejju 1998 huwa null u bla ebda effett legali *ab initio* minhabba d-difetti, jew wahda minnhom *a tenur* tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u taghti dawk il-provvedimenti kollha li jkunu opportuni f'dan ir-rigward;

Bl-ispejjez l-attrici rikonvenuta minn issa ngunta biex tidher personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut rikonvenjent Tarek Mohammed Ibrahim u l-lista tax-xhieda a fol 15 u fol 16 tal-process.

Rat il-verbal datat 25 ta’ Settembru 2001, fejn l-attrici giet awtorizzata tipprezenta x-xhieda taghha permezz ta’ affidavit li kellhom ikunu notifikati lill-kontroparti.

Rat il-verbal datat 24 ta’ April 2002 minn fejn jirrizulta li din kienet l-ewwel darba li l-istess kawza giet quddiem din il-Qorti hekk kif presjeduta u wkoll li l-process ma kienx ghad-disposizzjoni tal-Qorti u saret komunika lid-Direttur Civili tal-Qorti sabiex l-istess process jinstab.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta’ Gunju 2002 u gie nnotat li minkejja li saret l-imsemmija notifika l-istess process rega’ ma kienx ghad-disposizzjoni tal-Qorti u giet ordnata komunika lill-Registratur tal-Qorti, lill-Kummissjoni ghal-Amministrazzjoni tal-Gustizzja, lill-Ministeru tal-Gustizzja u lill-President tal-Kamra tal-Avukati.

Rat in-Nota tal-istess Direttur Civili datat 2 ta’ Lulju 2002 fejn indika lill-Qorti x-xoghol li sar mill-amministrazzjoni sabiex jinstab l-istess process fir-registru tal-Qrati Superjuri fil-kawzi li kienu ghadhom pendenti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta.

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti datat 2 ta’ Lulju 2002 fejn *inter alia* gie nnutat li l-istess process, kif ukoll processi ohra qatt ma kienu ghadhew fir-registru ta’ din il-Qorti, kif l-istess nota tal-istess Direttur kienet fil-fatt tghid.

Rat il-verbal datat 23 ta’ Ottubru 2002, fejn xehed quddiem il-Qorti l-istess Direttur Civili u fejn inghata digriet tal-affidavit tal-attrici b’terminu ta’ 50 jum.

Rat il-verbal datat 8 ta’ April 2003, Dr. David Camilleri pprezenta affidavit wiehed *seduta stante* u ddikjara li m’ghandux provi aktar. Inghata digriet affidavit tal-

konvenut b’terminu ta’ 50 gurnata. Il-Qorti nnominat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistant Gudizzjarju u ordnatlu biex izomm zewg seduti fil-mori ta’ dan id-differment ghall-provi kollha tal-partijiet, liema provi ma jkunux producibbli bil-procedura tal-affidavit, u l-provi tal-partijiet qed jigu minn dak in-nhar dikjarati maghluqa.

Rat in-nota tal-attrici datata 8 ta’ April 2003, a fol 46, li permezz taghha esebit l-affidavit taghha.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia minn fol 51 sa fol 52 tal-process li fiha in verita’ ma sar xejn hlief verbal.

Rat l-affidavit tal-attur datat 27 ta’ Gunju 2003 minn fol 53 sa fol 56 tal-process.

Rat is-seduta mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia fil-15 ta’ Lulju 2003 fejn xehdet l-attrici in kontro-ezami u l-konvenut fis-seduta tat-2 ta’ Settembru 2003 minn fol 57 sa fol 63 tal-process.

Rat in-nota tal-Assistent Gudizzjaru Dr. Kenneth Gulia, a fol 64, li permezz taghha gharraf lil din l-Onorabbli Qorti illi d-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li f’dan l-istadju ma ghandhomx provi izjed x’jipproducu.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Novembru 2003, fejn id-difensuri tal-partijiet infurmaw lil Qorti li l-provi gew maghluqa u rrimettew ruhhom ghall-provi u l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta’ Gunju 2004.

Rat ir-rikors ta’ Anna Grech, datat 13 ta’ Novembru 2003, fejn hija talbet umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrikjama l-kawza ghal data aktar vicina u dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa w opportunti.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 17 ta’ Novembru 2003, fejn il-Qorti ordnat in-notifika lill-kontroparti bi zmien jumejn ghar-risposta.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 23 ta’ Jannar 2004, fejn il-Qorti cahdet it-talba.

Rat ir-rikors ta’ Anna Grech datat 23 ta’ Jannar 2004, fejn talbet bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogghobha tordna n-notifika tar-rikors prezentat fit-13 ta’ Novembru 2003, wara l-hin legali u f’kaz negattiv, bl-affissjoni u pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 13 ta’ Frar 2004, fejn il-Qorti laqghat l-ewwel talba u t-tieni talba f’kaz ta’ riferta negattiva w ordnat tali notifika *ai termini* tal-**Artikolu 187 (3) tal-Kap. 12.**

Rat ir-rikors ta’ Anna Grech datat 15 ta’ Marzu 2004, fejn hija talbet lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha tirrikjama l-kawza ghal data aktar vicina u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li huma xierqa w opportuni.

Rat id-digriet tal-Qorti datat 18 ta’ Marzu 2004 fejn laqghet l-istess talba u rrikjamat il-kawza ghat-30 ta’ Marzu 2004.

Rat il-provi kollha prodotti.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) PROVI PRODOTTI.

Rat l-affidavit tal-attrici **Anna Grech** li gie prezentat permezz ta’ nota datata 8 ta’ April 2003. Tali affidavit jinsab minn fol 47 sa fol 50 tal-process. Rat ukoll l-affidavit tal-konvenut **Tarek Mohammed Ibrahim** minn fol 53 sa 56 tal-process.

Rat ukoll ix-xhieda tal-attrici in kontro-ezami u tal-konvenut quddiem l-Assistant Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia.

### ii) PRINCIPJI LEGALI.

Illi l-attrici qed tibbaza t-talba taghha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) u (d) tal-Kap 255 tal-Ligjiet ta' Malta.**

Illi l-**artikolu 19 (1)** jipprovdi li *"b'zieda mal-kazijiet fejn zwieg ikun null skond xi dispozizzjoni ohra ta' dan l-Att, iz-zwieg ikun null:-*

*(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'diffett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anolomija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.*

*(f) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewwga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg."*

Illi kif inghad l-attrici tissottometti li z-zwieg bejna u bejn il-konvenut ghandu jigi dikjarat null inter alia abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** li jghid:

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr. Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' **Viladrich**:

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* (***Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u invarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics"* (***Viladrich, P.J.,*** op.cit., pg. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrizzjoni ta' gudizzju –* ***Art. 19 (1) (d)*** *– biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni*

*ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali* ***("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"*** *– P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' nkompatibilita' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu* ***(d)*** *ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' immaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju, 1995).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" … … … richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che … … … si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gia inghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju id-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non*

*esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l'uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens ta' l-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux semplicement nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju"* (ara, **"Emanuel Camilleri v. Carmen Camilleri"**, P.A., 10 ta' Novembru 1995).

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* **("Selina-Maria Vella Haber v. Joseph Gatt"**, P.A., 15 ta' April 1996)".

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19(1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin v. Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar v. Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima v. Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, id-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita` affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* ***(Bersini, F.,*** **"Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo, la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio"* (ibid. pp. 97-98).

Illi hawnekk il-Qorti, pero`, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja gie indikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un'*

*affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku **(Can. 1095 (3))** tirrekjedi mhux semplici diffikulta` izda impossibbilta` li wiehed jaqdi *ossia* jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibbilta` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija, tintakka sostanzjalment il-kapacita` *"di intendere e / o di volere". "L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale", jghid il-Bersini, "rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso"* (op. cit., p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual*

*well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics”* (***Viladrich, P.J***., op. cit., p. 687).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **“Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee’ Sultana”** (P.A. (VDG) 17 ta’ Novembru 2000 u **“Anna Galea vs John Walsh”,** (P.A. (VDG) tat-30 ta’ Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f’dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita bejniethom *“the community of life and love”.*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **“Nathalie O’Toole vs Patrick O’Toole”** (P.A. (N.A.) 25 ta’ Marzu 2002) fejn inghad li:-

*“Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-iktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbili.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) 29 ta' Mejju 2002) fost ohrajn.

Illi l-attrici bbazat t-talba taghha anke' abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f)** li min-naha l-ohra jipprovdi li z-zwieg ikun null:-

*"**(f)** "jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-sub-artikolu wkoll gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati. Illi *inoltre* fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) gie ritenut illi:-

*“Fl-interpretazzjoni ta’ dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta’ xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens”.*

Illi tal-istess portata hija s-sentenza **“Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro”** (P.A. (RCP) 1 ta’ Frar 2001); **“Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine”** (P.A. (RCP) 8 ta’ Novembru 2000); **“Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi”** (P.A. (NA) 20 ta’ Gunju 2000); **“Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim”** (P.A. (NA) 31 ta’ Mejju 2000); **“Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli”** (P.A. (RCP) 4 ta’ April 2000) u **“Albert Grech vs Josette Grech”** (P.A. (RCP) 30 ta’ April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **“Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi”** (P.A. (RCP) 1 t’Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP).

**iii)** **APPREZZAMENT TAL-PROVI.**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-partijiet iltaqghu f’Dicembru 1997 f’diskoteka, u bdew johorgu flimkien. Wara erba’ xhur l-attrici ssostni li l-konvenut, li kien *footballer* Egizzjan, beda jinsisti maghha li jizzewgu b’hafna weghdi li kien ser jiehu hsiebha u ta’ bintha, u l-attrici accetat u zzewgu fis-16 ta’ Mejju 1998, biss hames xhur wara li ltaqghu. Sar civilment f’temp ta’ siegha kollox tant li kienet telqet minn fuq ix-xoghol ghac-cerimonja, u wara regghet marret tahdem. Hadd mill-genituri taghha ma kien jaf, tant li saru jafu biss seba’ xhur wara. Wara z-zwieg l-attrici tghid li lil bintha qatt ma rieda tant li kienet thalliha ghand ommha. Skond l-attrici l-istess konvenut beda’ johrog wahdu, u kellu introjtu ta’ Lm80 fix-xahar u l-istess attrici baqghet tahdem, u l-konvenut baqa’ johrog wahdu regolarment. Skond hija kien nefaq ukoll l-flus kollha tal-karozza li kienet bieghet. Issostni li l-konvenut ma riedx tfal, kien vjolenti maghha u fil-fatt saru diversi rapporti minnha l-ghassa tal-pulizija ta’ San Giljan. Wara ssemmi incident fejn habta u sabta sabhet li l-konvenut kien telaq mid-dar wara li ha dak kollu li kien jghodd ghalih

u siefer u gie lura xahrejn wara; pprova jirranga mal-attrici li ma accettatx, u llum tghid li l-konvenut reggha zzewweg fil-Moskeja. Illi in kontro-ezami l-attrici tghid li l-konvenut kien jghidlha li jekk ma tkunx hija tkun ohra u fil-fatt kien ikun akkumpanjat minn mara ohra. Tghid li minhabba l-esperjenza li kellha ma' ragel iehor li kellha tarbija minnu hija ma rieditx tizzewweg izda accettat peress li l-konvenut kien jghidlha li jekk ma tizzewwigx lilu hadd ma kien *"ser jigborni".* Tghid li hasset li giet imkaxxra ghaz-zwieg.

Illi l-konvenut min-naha tieghu jghid li kienet l-attrici li avvicinatu u li kienet qaltlu li kellha tarbija minn Libjan u li dan kien issawwatha u kienet issugeriet hija li jizzewgu u kienet il-hin kollu tippressah sabiex jizzewweg u fil-fatt ceda u zzewgu bil-mod li ddiskriviet l-attrici. Jsostni li kien ihobb lill-attrici u hadha mieghu erba' darbiet l-Egittu izda hija kienet bniedma ghajjura u possessiva u ssemmi xi incidenti fejn sewgietu. F'wahda mill-okkazzjonijiet jghid li l-attrici kienet qaltlu li zzewgithu bhala cajta. Jghid li kienet l-attrici li kienet vjolenti; jghid li l-attrici kellha relazzjonijiet ma' rgiel ohra izda dejjem terga tmur ghandhu imma *"this is not possibble because I now know who Anna is and besides in the arabic way it is not possibble to make up again once she has been with another man".* Il-konvenut ikkonferma li jilghab il-ballun huwa plejer professjonali u kien ma' Attard u l-club kien applikalu ghall permess tax-xoghol.

Illi minn dan kollu jirrizulta bla ebda dubju kwalunkwe, dejjem fl-opinjoni ta' din il-Qorti, li l-konvenut izzewweg lill-attrici biss sabiex huwa jkun jista' joqghod hawn Malta b'mod li jkun jista' jottjeni iktar facilment l-permess li jahdem f'dan il-pajjiz, u din hija sitwazzjoni li tkompli tirrepeti ruhha f'diversi kazi, nkluz dak odjern. Illi fil-fatt l-istess konvenut approfitta ruhhu mis-sitwazzjoni li sabhet fiha l-attrici fejn kienet wahedha trabbi t-tarbija taghha ghaliex kienet kisret ir-relazzjoni li kellha ma ragel iehor, u l-konvenut ipperswadija li ser jiehu hsiebhom huwa, haga li in verita' qatt ma kellu intenzjoni li jaghmel, tant li baqa' jghix ta' guvni, f'relazzjoni kontinwa ma' hbieb tieghu, jekk mhux ma' nisa ohra wkoll, b'introjtu mizeru ghall-hajja tal-

lum, u bla ebda preparamenti u mpenn ta' xejn; anzi jirrizulta mix-xhieda tal-attrici li lanqas biss ried lil binha jghix maghhom. Iz-zwieg jidher li kien fazul ghal kollox, tant li ghalkemm civili, l-attrici marret ghax-xoghol; f'xi hin mar ghalha l-konvenut, izzewgu civilment u regghet marret ghax-xoghol bla ma qalet xejn lill-familja taghha, li saret taf biss hafna xhur wara b'dan l-avveniment. Apparti dan jidher li l-konvenut ma ried ebda tfal, u dan huwa wkoll sinfikanti biex juri kemm l-kunsens tieghu kien simulat. Ta' importanza partikolari hija d-dikjarazzjoni tieghu li huwa ma setghax jirranga mal-attrici, meta skond huwa hija kienet riedet tirranga terga mieghu (allegazzjoni li ma tirrizultax) meta qal li skond l-kultura gharbija huwa ma setghax jirranga la darba kienet ma' ragel iehor – dan meta qed jghid li accetta li jizzewwigha meta kien jaf li kellha tarbija minn haddiehor. Certament li l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat fil-parametri kollha tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** peress li l-konvenut qatt ma kellu intenzjoni, kunsens li jizzewweg vera u proprja lill-attrici, izda biss li jinqeda biha ghall-iskopijiet tieghu, kif fil-fatt ghamel; dan ukoll indikat bit-trattament dispregattiv ta-istess konvenut *verso* l-attrici li kienu jinkludi wkoll vjolenza domestika, li hija sfortunatement komuni f'dawn il-kazi.

Illi min-naha l-ohra ma jistax jinghad li l-attrici dahlet ghal dan iz-zwieg b'kunsens validu u dan peress li kull ma kienet interessata l-attrici kienet li jkollha ragel sabiex ikun jista' jiehu hsieb lilha u lil binha u dan fi kliemha stess; ma kien hemm ebda impenn minn-naha tal-attrici hlief f'dan is-sens imsemmi; il-Qorti fil-fatt tirreferi kif il-partijiet izzewgu, kif l-attrici lanqas biss ma qalet b'xejn lill-famijari taghha stess, u kif din emmnet li l-konvenut verament setgha jiehu hsiebha, meta fil-fatt kellu nuqqas ta' introjtu dicenti u hija tammetti li kienet kostretta tahdem. Dan iwassal lil din il-Qorti sabiex tikkonkludi li b'xi mod l-istess attrici kienet infattwata bil-konvenut, u anke' waqghet taht l-influwenza tieghu; ta' dan jidher li soffriet peress li hija stess semmiet diversi incidenti fejn l-konvenut refa' idejh fuqha, apparti li kellha toqghod ghal zmien konsiderevoli ghall-abbuzi tieghu b'kull mod, inkluz dawk ta' nuqqas ta' lejalta' lejha. Madankollu l-kunsens taghha kien ukoll

vizzjat ghaliex l-interess taghha fil-konvenut u fiz-zwieg mieghu kien limitat biss sabiex ikollha ragel li jiehu hsiebha u lil binha u xejn izjed u dan fih innifsu jwassal ghal dikjarazzjoni li –kunsens tal-istess attrici kien ukoll simulat.

Illi pero' abbazi tal-provi prodotti din il-Qorti thoss li tkun qed tonqos jekk ma zzidx li l-kunsens tal-attrici kien ukoll vizzjat peress li kien hemm nuqqas ta' diskrezzjoni serja fil-gudizzju taghha li ghamilha impossibbli ghaliha kemm li tifhem l-att li kienet qed taghmel mal-konvenut u wkoll l-konsegwenzi tal-istess celebrzzjoni taz-zwieg, bil-mod anke' legger li sar mill-partijiet. Fil-fatt kien hemm diversi indikazzjonijiet li juru sa' minn qabel li l-konvenut ma kienx genwin fil-proposta tieghu ghaz-zwieg mal-attrici, u dan f'kemm dak li huwa komportament tieghu, u kif ukoll l-mod kif l-istess zwieg gie miftiehem bejn il-partijiet, u n-nuqqas totali ta' preparamenti miz-zewgt partijiet. Kien jidher car Ii l-konvenut ried jipprofetta ruhu mis-sitwazzjoni, u wkoll li dan kien komdu ghall-attrici ghaliex bhal speci jkun hemm ragel f'hajjitha, iktar u iktar meta emmnet lill-konvenut meta skond hija qalla li la darba kellha wild ma' kinitx ser issib sieheb ghaz-zwieg malajr. Dan il-kliem jidher li kkonvinca lill-attrici sabiex taccetta l-proposti tal-konvenut ghaz-zwieg li kien jaqdih sew ghall-iskop li kellu u ghalhekk jirrizulta wkoll li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ukoll.

Illi ghalhekk it-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut ghandhom jigu milqugha abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255** kif premess.

**<u>III. KONKLUZJONI.</u>**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma nkompatibbli ma' dak fuq premess u hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:-

1. Tiddikjara z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fis-16 ta' Mejju 1998 huwa null ghall-finijiet u effetti kollha tal-

ligi u dan *stante* li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** fil-waqt li tal-konvenut kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez tac-citazzjoni attrici jinqassmu bin-nofs bejn iz-zewgt partijiet.

Illi fir-rigward tal-**kontro-talba tal-konvenut**, din il-Qorti **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' l-istess kontro-talba** b'dan illi kif gja inghad fic-citazzjoni attrici:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li z-zwieg apparenti bejn il-partijiet celebrat fis-16 ta' Mejju 1998 huwa null u bla ebda effett legali *ab initio* u dan *stante* li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat abbazi tal-**artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** fil-waqt li tal-konvenut kien vizzjat abbazi tal- **artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta.**

Bl-ispejjez tal-istess kontro-talba a karigu tal-istess konvenut *stante* li din il-Qorti thoss li tali kontro-talba saret inutiliment ghaliex il-kaz seta' jigi trattat kollu, kif fl-fatt sar abbazi tac-citazzjoni attrici.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------